Uffiċċju Komunikazzjoni
ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

*22 ta' Jannar, 2010*

34/2010

Il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ (KDŻ) tixtieq turi l-apprezzament tagħha għall-ħidma tas-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport fl-iżvilupp tal-Politika Nazzjonali għaż-Żgħażagħ. Il-proċess ta' l-iżvilupp ta' din il-Politika kien wieħed li ta ħafna spazju għal vuċi taż-żgħażagħ u anke ta' l-istakeholders l-oħrajn. Din l-importanza għal parteċipazzjoni taż-żgħażagħ għandha tkun ta' eżempju fl-iżviluppi ta' politika li tikkonċerna lilhom bħala membri attivi fis-soċjeta.

Huwa wkoll ta' inkoraġġiment li din il-politika taddotta filosofija li tħares lejn iż-żgħażagħ bħala riżorsa importanti fis-soċjeta Maltija, b'ħafna potenzjal għal żvilupp posittiv li minnu tibbenefika l-komunita' sħiħa. Dan fil-waqt li nifmhu u nagħrfu l-importanza li jkunu żviluppati aktar servizzi u skemi ta' għajnuna għal żgħażagħ li preżentament għaddejjin minn mumenti diffiċli fil-ħajja tagħhom sabiex huma wkoll jilħqu l-milja ta' l-iżvilupp ħolistiku tagħhom. Għandha tkun apprezzata aktar ħidma li tfittex il-formazzjoni tal-persuna sħiħa u li tippermetti liż-żagħżugħ li jikseb l-għodda meħtieġa għall-iżvilupp ta' dan il-potenzjal fil-ħajja tiegħu.

KDŻ tilqa' l-enfasi li l-Politika Nazzjonali taż-żgħażagħ tagħti lil familja bħala l-aktar sors bażiku fejn żagħżugħ għandu jsib is-sostenn, bħala l-bennina ta' l-iżvilupp ħolistiku tal-persuna, u minn fejn iż-żagħżugħ jista' jkollu s-sors ta' l-enerġija sabiex jilħaq il-milja fil-ħajja tiegħu.

KDŻ tagħraf ukoll li bosta żgħażagħ jagħrfu li l-esperjenzi ta' volontarjat jistgħu ikunu opportunitajiet importanti għall-iżvilupp sħiħ tagħhom. Għaldaqstant nifmhu ukoll l-importanza li dawn iż-żgħażagħ ikunu rikonoxxuti għal kisbiet li huma jkollhom f'dan il-qasam, kif ukoll li jkunu jservu bħala mudelli pożittivi għal sħabhom u għal komunita' kollha. L-esperjenza tagħna fil-ħidma ma' żgħażagħ turina wkoll li hawn bżonn żgħażagħ li jkollhom bżonn li jkunu sostnuti fil-ħidma tagħhom b'sens ta' inkoraġġiment għal ġesti utli li huma jkunu qiegħdin iwettqu.

Nħarsu 'l quddiem lejn l-iżvilupp ta' l-implimentazzjoni ta' din il-politika permezz tal-operat ta' l-Aġenzija Nazzjonali taż-Żgħażagħ kif propost f'dan id-dokument. Wieħed jittama li anke f'dan il-proċess ta' implimentazzjoni, u evalwazzjoni tal-politika, tingħata valur lil parteċipazzjoni taż-żgħażagħ u konsultazzjoni ma' l-istakeholders li għandhom sehem fil-qasam taż-żgħażagħ.